MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR. GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-28 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 286/2013

Globe **Ground Malta Limited**

**C-31426**

**vs**

**Anthony Mercieca**
**ID668961-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf, tmien mija, hamsa u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,865.69c) u ddikjarat illi l-intimat abbanduna kuntratt ta' impieg ghal zmien fiss minghajr raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi u l-ammont pretiz hu dak ikkalkolat skont il-Kap 452.

Rat ir-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti ghandhom jigu michuda stante li r-rizenja tal-konvenut saret *entro* t-terminu ta' sitt (6) xhur tal-*probationery period* ai termini tal-artikolu 36 tal-Kap 452.

Bl-ispejjez.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi r-rapprezentant tas-socjeta' attrici pprezenta kopja ta' kuntratt ta' impieg li l-konvenut kellu mas-socjeta' attrici, datat 29 ta' Marzu, 2012, li in bazi tieghu saret din l-azzjoni. Illi l-istess rapprezentant iddikjara illi kif jirrizulta minn dan l-istess kuntratt, il-konvenut kien impjegat mas-socjeta' attrici ghall-perjodu ta' madwar tmien (8) xhur, u cioe' bejn l-1 ta' April, 2012 sat-22 ta' Novembru, 2012, u dan versu l-pattijiet u kundizzjonijiet rizultanti minn dan il-ftehim. Illi precedentement, u cioe' b'effett mill-4 ta' April, 2011, il-konvenut kien impjegat fuq bazi *part time* b'kuntratt ta' impieg ghal zmien indefinit, u kien iwettaq xoghol ta' *loader / driver*, u s-socjeta' attrici offriet lill-konvenut illi jibda jahdem fuq bazi *full time*, izda ghal perjodu stipulat. Illi mistoqsi dwar x'wassal ghat-tibdil li sar fit-terminu tal-impieg tal-konvenut, in kwantu minn wiehed ghal perjodu indefinit, gie konvertit f'kuntratt ghal perjodu definit, l-istess rapprezentant iddikjara li dik hija l-*policy* adoperata mis-socjeta' attrici.

Illi l-konvenut iddikjara li jgharaf il-firma tieghu fuq il-kopja tal-kuntratt ta' impieg li hu kellu mas-socjeta' attrici, li kopja tieghu tinsab a fol. 11 tal-atti. Illi hu ddikjara li originarjament kien impjegat mas-socjeta' CleanTec, u li kien misluf mas-socjeta' attrici. Illi hu ddikjara li l-kuntratt ta' impieg in kwistjoni iffirmah fid-9 ta' April, 2012, u ta n-*notice* lis-socjeta' attrici fil-15 ta' Mejju, 2012. Illi dwar l-impieg tieghu precedenti ghal dak regolat bil-ftehim tad-29 ta' Marzu, 2012, iddikjara li hu kien jircievi l-hlas tal-paga minghand is-socjeta' CleanTec, u ghalhekk deherlu li kien impjegat ma' dik is-socjeta', u mhux mas-socjeta' attrici, kif gie suggerit lilu. Illi fi kwalunkwe kaz, ikkonferma illi hu baqa' jokkupa l-istess kariga, u jwettaq l-istess xoghol, u cioe' ta' *loader / driver*.

Ikkunsidra,

Illi l-konvenut iddikjara illi hu ta n-*notice* lis-socjeta' attrici li kien ser jitlaq mill-impieg tieghu fil-15 ta' Mejju, 2012; illi ghalhekk mhux qed jikkontesta illi hu telaq mill-impieg tieghu minn mas-socjeta' attrici qabel ma skada z-zmien stipulat fil-kuntratt ta' impieg tieghu, ladarba dan il-ftehim kellu jiskadi fit-22 ta' Novembru, 2012. Illi ghalkemm mill-atti processwali ma jirrizultax ezattament meta l-konvenut telaq mill-impieg tieghu, jidher illi dan telaq mix-xoghol meta ta n-notice, u cioe' b'effett mill-15 ta' Mejju, 2012. Illi l-konvenut

jikkontendi illi ghalkemm fil-kuntratt ta' impieg tieghu m'hemm ebda referenza ghall-perjodu tal-*probation*, madanakollu, u b'applikazzjoni tal-provvedimenti tal-Artikolu 36 (1) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi illi; "*... l-ewwel sitt xhur ta' kull impieg taht kuntratt ta' servizz ikun impieg bi prova, sakemm zmien iqsar ta' impieg bi prova ma jigix miftiehem bejn iz-zewg partijiet; ...*", allura jsegwi ghalhekk illi meta l-konvenut telaq mill-impieg minn mas-socjeta' attrici, dan telaq fiz-zmien tal-*probation* ladarba l-kuntratt ta' impieg dahal fis-sehh fl-1 ta' April, 2012.

Illi s-socjeta' attrici, da parti taghha tikkontendi illi gialadarba l-konvenut kien 'gia impjegat maghha fuq bazi *part time* ghal perjodu indefinit, u l-kuntratt ta' impieg tieghu gie konvertit minn wiehed *part time* ghal wiehed *full time*, izda ghal perjodu definit, u l-konvenut baqa' jwettaq l-istess xoghol, allura kien hemm kontinwita' fl-impieg tal-istess konvenut mas-socjeta' attrici, u ghalhekk ma kienx hemm perjodu ta' impieg bi prova, u ghalhekk is-subinciz li ghalih saret referenza, m'huwiex applikabbli ghall-impieg tal-konvenut, u li l-kuntratt ta' impieg tieghu fuq bazi *full time* dahal fis-sehh b'effett immedjat minn meta ffirma l-kuntratt, u dan minghajr perjodu ta' prova.

Illi ghalkemm ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici ma ta ebda spjegazzjoni dwar kif gie kkalkolat l-ammont pretiz in forza ta' din l-azzjoni, jidher illi din l-azzjoni giet proposta taht il-provvedimenti tal-Artikolu 36 (12) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi kif gej: "*Impjegat li jitlaq mis-servizz tal-principal tieghu qabel iz-zmien specifikat f'kuntratt ta' servizz, ikollu jhallas lill-principal tieghu somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li ghaliha huwa kien ikollu jedd kieku huwa baqa' fis-servizz ghall-bqija taz-zmien hekk espressament miftiehem: Izda f'dan is-subartikolu ... ir-riferenzi ghal "paga kollha" u "paga" ghandhom ifissru l-paga li tithallas lil persuna impjegata minn jew f'isem il-principal, eskluzi kull rimunerazzjoni ghal sahra, kull forma ta'* bonus, *kull* allowance, *u rimunerazzjoni mod iehor milli bi flus u kummissjonijiet*".

Illi mill-kuntratt ta' impieg tal-konvenut jidher illi d-dhul tieghu minn dan l-impieg kellu jkun fl-ammont ta' sitt mija hamsa u tmenin ewro u erbatax-il centezmu (€685.14c) kull xahar, oltre xi beneficcji ohra, inkluz *split shift allowance*.

Ikkunsidra,

Illi s-socjeta' attrici qed tibbaza l-azzjoni taghha fuq il-fatt illi l-konvenut kien ilu impjegat maghha mill-4 ta' April, 2011, u li meta l-istess konvenut telaq mill-impieg tieghu minn mal-istess socjeta' attrici, hu kiser it-termini tal-kuntratt ta' impieg tieghu, in kwantu abbanduna l-kuntratt li kellu jibqa' fis-sehh sat-22 ta' Novembru, 2012, u dan ghaliex telaq mill-impieg minghajr raguni tajba. Illi s-socjeta' attrici ssostni illi fiz-zmien meta l-konvenut kien impjegat fuq bazi *part time*, hu kien impjegat mal-istess socjeta' attrici. Illi salv ghal tali dikjarazzjoni, is-socjeta' attrici ma ressqet ebda prova in rigward, la fil-forma ta' kuntratt ta' impieg precedenti, u lanqas permezz ta' xi dokument iehor – kemm jekk hux l-avviz ta' bidu ta' impieg li jigi sottomess mill-principal mal-Employment & Training Corporation, jew xi forma ta' dokumenti ohra bhal m'huma l-FS3 tieghu, jew kopja ta' xi *pay slips* relattivi ghall-hlas tal-paga tieghu. Illi l-konvenut, da parti tieghu, jikkontendi illi fiz-zmien meta kien impjegat fuq bazi *part time*, hu kien impjegat ma' socjeta' ohra, u cioe' dik bl-isem CleanTec. Illi hu ddikjara illi l-hlas tal-paga tieghu kien jircieviha minghand is-socjeta' hawn imsemmija, u mhux minghand is-socjeta' attrici, u ghalhekk deherlu li kien impjegat ma' dik is-socjeta' l-ohra. Illi minkejja tali dikjarazzjoni, lanqas il-konvenut ma ressaq ebda dokument in sostenn ta' tali allegazzjoni. Illi fid-deposizzjoni tieghu, il-konvenut ghamel referenza ghall-kuntratt ta' impieg tieghu tal-4 ta' April, 2011, liema kuntratt jidher illi wkoll kien kuntratt ta' impieg mas-socjeta' attrici; madanakollu, dan l-ewwel kuntratt ta' impieg baqa' ma giex ipprezentat fl-atti ta' dawn il-proceduri, la minn parti u lanqas mill-parti l-ohra. Il-konvenut iddikjara wkoll illi t-tip ta' xoghol li kien jaghmel kemm meta kien jahdem fuq bazi *part time*, u wkoll meta beda jahdem fuq bazi *full time*, kien l-istess, u cioe' dak ta' *driver / loader*.

Illi t-Tribunal jirrileva illi l-provi li gew sottomessi miz-zewg partijiet f'din il-kawza kienu fqar u limitati hafna, bil-konsegwenza illi diversi allegazzjonijiet li setghu facilment gew sostanzjati, jew kontradetti – bhal m'huwa l-impieg fuq bazi *part time* tal-konvenut, jekk dan kienx realment mas-socjeta' attrici jew ma' xi socjeta' kummercjali ohra – baqghu ma gewx kjarifikati. Illi ghalkemm huwa possibbli illi l-kuntratt ta' impieg tal-konvenut gie konvertit mis-socjeta' attrici minn wiehed fuq bazi *part time* ghal wiehed *full time*, u dan bil-kunsens tal-konvenut, madanakollu, tali stat ta' fatt ma jirrizultax mill-kopja tal-kuntratt ta' impieg li gie pprezentat mis-socjeta' attrici, in kwantu ma saret ebda referenza in rigward f'tali kuntratt ta' impieg. Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi l-fatt li ma saret ebda referenza fil-kuntratt ta' impieg datat 29 ta' Marzu, 2012 ghal dan l-allegat stat ta' fatt huwa ta' rilevanza kbira, in kwantu tali dikjarazzjoni setghet ixxejjen l-applikabbilita' tal-provvediment tal-Artikolu 36

(1) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta’ Malta ghall-kuntratt ta’ impieg tal-konvenut, li huwa mertu ta’ din il-kawza; madanakollu, u fl-assenza ta’ tali dikjarazzjoni, u fl-assenza wkoll ta’ dikjarazzjoni da parti tal-konvenut fl-istess kuntratt ta’ impieg illi hu qed jirrinunzja ghall-perjodu statutorju ta’ impieg bi prova (*probation*), allura necessarjament isegwi illi jibqa’ applikabbli d-dispositiv tal-Ligi hawn imsemmi, li jistipula b’mod kategoriku illi; “*Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (16), l-ewwel sitt xhur ta’ kull impieg taht kuntratt ta’ servizz ikun impieg bi prova, sakemm zmien iqsar ta’ impieg bi prova ma jigix miftiehem bejn iz-zewg partijiet*”. Illi l-Ligi tipprovdi specifikament ghal dawk l-istanzi fejn il-partijiet fuq kuntratt ta’ impieg ma jkunux ipprovdew specifikament ghal perjodu ta’ impieg bi prova, u gialadarba ma jigi indikat ebda perjodu ta’ impieg bi prova, allura l-ligi hija tassattiva, in kwantu tipprovdi illi l-ewwel sitt-(6) xhur ta’ tali impieg ghandhom ikunu bi prova.

Illi jsegwi ghalhekk illi z-zmien li fih il-konvenut gharraf lis-socjeta’ attrici li ma kienx ser ikompli fl-impieg maghha, u cioe’ fil-15 ta’ Mejju, 2012, kien fiz-zmien imsemmi ta’ sitt-(6) xhur.

Illi l-istess Artikolu 36 tal-Kap 452, f’subinciz (2), jistipula illi; “*Waqt l-impieg bi prova, l-impieg jista’ jigi mitmum minn minn min ikun irid miz-zewg partijiet minghajr ma jaghti ebda raguni: Izda ghandu jinghata avviz ta’ gimgha tat-temm tal-impieg lill-parti l-ohra fil-kaz ta’ impjegat li jkun ilu fl-impieg tal-istess principal kontinwament ghal aktar minn xahar.*” Illi f’dan il-kaz, u dejjem ai termini tal-kuntratt ta’ impieg datat 29 ta’ Marzu, 2012, il-konvenut beda l-impieg tieghu fl-1 ta’ April, 2012 u waqaf mill-impieg fil-15 ta’ Mejju, 2012. Illi jsegwi ghalhekk illi kien ilu fl-impieg tas-socjeta’ attrici ghal aktar minn xahar, u li jsegwi ghalhekk illi kellu jghati avviz tat-temm tal-impieg lis-socjeta’ attrici ta’ gimgha. Illi anke f’dan ir-rigward, ma jirrizultax sodisfacentement mill-atti processwali jekk il-konvenut effettivament hadimx dan il-perjodu tan-*notice*. Illi fl-assenza ta’ tali prova, u gialadarba kien jispetta lis-socjeta’ attrici li tressaq prova in rigward, kwalunkwe dubju ghandu jimmilita a favur tal-konvenut. Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut timmerita li tigi akkolta, in kwantu, ladarba l-avviz tat-temm ta’ impieg li l-konvenut ta lis-socjeta’ attrici kien fl-ewwel sitt-(6) xhur mill-bidu tal-kuntratt ta’ impieg tieghu, allura – fin-nuqqas ta’ prova li l-konvenut irrinunzja ghal tali perjodu ta’ prova – jsegwi illi tali *notice* nghata fil-perjodu ta’ impieg bi prova, u ghalhekk mhux applikabbli l-Artikolu 36 (12) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta’ Malta ghall-kaz in ezami; illi ghalhekk it-Trubunal ser jghaddi sabiex jichad it-talba tas-socjeta’ attrici.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenut, qed jichad it-talba tas-socjeta’ attrici.

L-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------